**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Mejju, 2016**

**Citazzjoni Nru: 231/2012 AF**

**Francis Bonello**

**vs**

**Ronald Azzopardi u Mariella Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Francis Bonello li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-intimati huma debituri solidament bejniethom versu l-attur fis-somma ta' €512,462 (hames mija u tnax-il elf, erba' mija tnejn u sittin Ewro) liema somma hija dovuta lill-attur in forza ta' skrittura tat-2 ta' Lulju 2004, liema skrittura giet konfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Frar 2012 fil-kawza fl-ismijiet Ronald Azzopardi vs Francis Bonello et liema sentenza illum ghaddiet in gudikat.

Minkejja li gew debitament interpellati ghall-hlas l-intimati jew min minnhom naqsu milli jhallsu u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Il-kreditu pretiz huwa cert likwidu u dovut u l-intimati ma ghandhom ebda difiza valida x'jaghti fil-ligi biex jopponu ruhhom ghall-hlas tas-somma *de quo*.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili.

2. Tikkundanna lill-intimati solidament bejniethom ihallsu s-somma ta' 512,462 liema somma hija dovuta lill-attur in forza ta' skrittura tat-2 ta' Lulju 2004, liema skrittura gietk onfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Frar 2012 fil-kawza fl-ismijiet Ronald Azzopardi vs Francis Bonello et liema sentenza illum ghaddiet in gudikat.

3. Tikkundanna lill-intimati solidament bejniethom ihallsu l-imghaxijiet skond il-ligi fuq il-kapital premess fit-tieni talba mit-2 ta' Lulju 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-prezenti inkludi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 193/12 ipprezentat qabel il-prezentata ta' din il-kawza.

B'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti naxxenti mill-fatti deskritti f'dan ir-rikors guramentat.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Marzu 2012 li permezz tieghu din il-Qorti akkordat lill-intimati ghoxrin jum biex jikkontestaw il-kawza.

Rat ir-risposta guramentata ta' Ronald Azzopardi u Mariella Azzopardi li in forza taghha gie eccepit illi:

In linea preliminari, l-azzjoni attrici kif dedotta hija intempestiva u dan billi l-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004, esebita bhala Dok. B mar-rikors guramentat promotorju, tifforma l-meritu tal-proceduri li jinsabu pendenti quddiem l-Onorabbli

Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) numru 50/2009 fl-ismijiet Ronald Azzopardi et vs. Francis Bonello et, li permezz taghhom qed tintalab, inter alia, r-rexissjoni tal-istess imsemmija skrittura, flimkien ma' dikjarazzjoni li din l-iskrittura hija nulla u bla effett, oltre li qed jintalab ukoll sabiex issir il-likwidazzjoni tal-ammont realment dovut wara li jsiru d-debiti tiswijiet tal-izbalji li saru fi-kalkolu li wassal ghall-ammont hemm dikjarat, u ghalhekk, pendenti l-ezitu definittiv ta dawk il-proceduri, l-attur ma jistax jipproponi azzjoni bhal dik odjerna, ghall-irkupru tal-kreditu minnu pretiz, abbazi tal-istess imsemmija skrittura.

In linea preliminari wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti Mariella Azzopardi mhijiex il-legittima kontradittrici tat-talbiet attrici kif dedotti billi hija m'hijiex marbuta bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 kemm ghaliex hija qatt ma tat il-kunsens taghha lill-eccipjent Ronald Azzopardi sabiex jiffirma l-istess skrittura ghan-nom taghha, u anke ghaliex l-awtorizzazzjoni taghha msemmija fl-istess skrittura ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-ligi inkluz, inter alia, tal-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 634 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, l-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 ma saritx validament u skond il-ligi, u konsegwentement ma taghmilx stat fil-konfront tal-eccipjenti, kemm ghaliex il-kunsens tal-eccipjenti inkiseb bl-eghmil doluz u/jew bil-vjolenza tal-attur, u anke ghaliex saret fuq il-pretensjonijiet foloz tal-istess attur.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, jispetta unikament lill-attur illi jressaq prova cara u skond il-ligi tal-kreditu minnu allegat, inkluz, inter alia, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjonijiet u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, it-talbiet attrici kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw

illi jigi respinti fl-intier taghhom, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, u f'kaz biss illi din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li l-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004, hija wahda li saret validament u skond il-ligi, l-eccipjenti jeccepixxu li, b'referenza ghat-tielet talba attrici kif dedotta, kwalsiasi imghaxijiet li jistghu talvolta jigu dikjarati dovuti mill-istess eccipjenti lill-attur m'ghandhomx ikunu ta' aktar minn sitta punt hamsa fil-mija (6.5%) fis-sena, u san skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-istess imsemmija skrittura.

Salv risposti ulterjuri permessi bil-ligi.

Semghet xhieda viva voce.

Rat id-dokumenti kollha prezentati.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza Francis Bonello qed jitlob il-kundanna ta' Ronald u Mariella Azzopardi biex dawn ihallsuh Lm220,000 lilu dovuti skond skrittura ta' transazzjoni firmata fit-2 ta' Lulju 2004. Mariella Azzopardi ssostni li l-kawza m'ghandhiex tkun diretta lejha. Din l-eccezzjoni, flimkien ma dik fejn giet allegata l-intempestività tal-azzjoni, gew irtirati mill-intimati permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet taghha. Il-Qorti m'hijiex ghalhekk ser tqishom ulterjorment. Essenzjalment ghalhekk l-eccezzjonijiet l-ohra jirrigwardaw il-validità tal-iskrittura.

Jirrizulta illi fit-2 ta' Lulju 2004 il-partijiet iffirmaw bejniethom zewg skritturi li kellhom l-ghan li jittransingu diversi vertenzi pendenti bejniethom. Permezz tal-ewwel skrittura (esibita in atti a fol. 39) Ronald Azzopardi, f'ismu u ghan-nom ta' martu Mariella, ikkostitwixxa ruhu veru cert u likwidu debitur ta' Francis Bonello u martu Victoria (illum mejta) fl-ammont ta'

Lm220,000. Din l-iskrittura stabbiliet imghax ta' 6.5% kif ukoll il-modalitajiet tal-pagament. Permezz tat-tieni skrittura, imbaghad, Ronald Azzopardi ikkostitwixxa ruhu debitur ta' Francis Bonello fl-ammont ta' Lm65,000 (ara dok. a fol. 481).

Ronald Azzopardi, permezz tal-kawza 73/2005, talab id-dikjarazzjoni ta' nullità tal-fuq imsemmija skritturi. Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisidzzjoni Superjuri fit-3 ta' Marzu 2009 cahdet it-talba ta' Ronald Azzopardi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ewwel skrittura (tal-Lm220,000) izda ddikjarat li d-dejn fit-tieni skrittura (ta' Lm65,000) kien fittizju. Is-sentenza giet konfermata fl-appell fit-3 ta' Frar 2012.

Ronald Azzopardi rega' ttenta jattakka l-iskritturi fi proceduri ohrajn istitwiti fil-11 ta' Gunju 2009. It-talbiet tieghu f'din il-kawza gew michuda permezz ta' sentenza deciza fil-11 ta' Gunju 2010. L-appell li gie ntavolat ghal din is-sentenza gie dikjarat dezert.

Jirrizulta ghalhekk illi l-validità tal-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 li permezz taghha gie stabbilit debitu ta' Lm220,000 hija issa indiskussa.

Din il-Qorti kkunsidrat illi l-Art. 1718 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

> *"It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi ħaġa li jagħtu, iwiegħdu, jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija, jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa car u kostanti.

L-intimati f'dawn il-proceduri ressqu ammont konsiderevoli ta' provi li meta taghsarhom ma jghinux wisq fid-difiza taghhom in kwantu li dawn kollha jduru mal-kalkoli li saru qabel ma gew iffirmati l-iskritturi bejn il-partijiet. Il-valutazzjoni ta' dawn il-provi saret fil-kawzi ga decizi fejn il-Qorti waslet ghad-dikjarazzjoni ta' validità tal-iskrittura. Din il-Qorti ma tqisx li ghandha tissindika f'dan l-istadju l-operat ta' qrati ohra, ezercizzju li donnhom qed jistiednuha taghmel l-istess intimati.

Mill-banda l-ohra l-attur jiddikjara kategorikament:

> *"Nghid li jiena sal-lum ghadni ma thallast xejn minn dan l-ammont."* (ara affidavit a fol. 111).

Din ix-xhieda ma giet kontradetta b'ebda mod.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimati, tilqa' t-tieni talba ta' Francis Bonello u tikkundanna lil Ronald Azzopardi u Mariella Azzopardi in solidum bejniethom ihallsu lil Francis Bonello s-somma ta' €512,462; tilqa' t-tieni talba u tordna li Ronald Azzopardi u Mariella Azzopardi ghandhom ihallsu imghax legali mit-2 ta' Lulju 2004.

L-ispejjez kollha jithallsu minn Ronald u Mariella konjugi Azzopardi.

IMHALLEF

DEP/REG